MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 294/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**
**Vs**
**GIOVANNI SPITERI u**
**MANUEL SPITERI**

**Illum 29 ta’ Settembru, 2010.**

**Il-Qorti :-**

Rat li l-imputati **GIOVANNI SPITERI** bin Lawrence u Abigail nee’ Hunt imwieled Tal-Pieta’ nhar it-tlieta ta’ Frar 1983 u residenti gewwa 9, Fuq Verdala, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita’ numru 99583(M) u **MANUEL SPITERI** bin Lawrence u Abigail nee’ Hunt imwieled Tal-Pieta’ nhar is-sittax ta’ Frar 1988, u residenti gewwa 9, Fuq Verdala, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita’ numru 104668 (M) gew imressqa quddiemha w akkuzati talli:-

Fuq Verdala Bormla nhar it-Tlieta tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2006 ghall-habta ta' xi t-tlieta w nofs ta' wara nofs in-nhar:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' John Mifsud minn Buggiba f'periklu car, hebbew ghalih b'armi li jaqtghu u bil-ponta (skieken tal-laham) u kkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, skond ma ccertifika Dr. Mark Leonard Gech M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla, liema offizi jistghu jgibu periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew ggib mankament jew sfregju f'wahda mill-idejn ta' l-offiz.

2. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil John Mifsud minn Bugibba kontra l-volonta' teghu, liema persuna arrestata, mizmuma jew sekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt.

3. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, fil-hin li huma kienu qed jaghmlu delitt kontra pesuna, kellhom fil-pusess taghhom armi regolari (skieken tal-laham).

4. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi zammew u garrew fuqhom strumenti li jaqtghu u bil-ponta (skieken tal-laham) minghajr licezja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor.

6. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha f'post pubbliku.

<u>Lil **Manuel Spiteri** biss</u> :

7. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbl jew immobli, u cioe' fil-parapett u l-grada tal-fond numru 2, Fuq Verdala, Bormla, meta saq il-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort Mk 1 ta' lewn iswed bin-numru ta'

registrazzjoni CAQ-079 ghal gol- istess parapett u grada, ghad-dannu ta' Maria Dolores Hunt minn Bormla, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin (LM500), imma huwa izjed minn hamsin lira Maltin (LM50).

8. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq il-vettura CAQ-079 b'menjera traskurata, perikoluza u bla kont.

9. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu.

10. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

11. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija ta' terzi persuni bi ksur ta' l-Artikolu 3 (1) tal-Kap 104 tal-Ligijet ta' Malta.

Lil **Giovanni Spiteri** biss:-

12. Talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenzi ma jistghux jigu mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' John Mifsud jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Giovanni u Manuel Spiteri b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex barra li taghti il-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 6 ta' Settembru 2007 (a fol. 215) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati l-kaz taghhom jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompentenza taghha fuq riferita.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kaz taghhom jigi trattat minn din il-Qorti, kif verbalizzat minnhom, wara li gew moqrija l-Artikoli nhar is-17 ta' Settembru 2007 (fol 218A).

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u dik prodotta mid-difiza.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar l-ghaxra (10) t'April 2006 xehed l-Ispettur **Anthony Cassar** u spjega illi nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2006 ghall-habta tat-tlieta neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar (2.40 p.m.) il-pulizija ta' Bormla gew infurmati minn certa Paula Elizabeth Farrugia li kienet ghadha kif hadet lil certu John Mifsud il-Health Centre ta' Bormla, u dan wara li hija osservatu fil-vicinanzi tad-dar t'ommu fil-post imsejjah bhala fuq Verdala Bormla. Spjegat li dan kien mimli demm u beda jghajjat ghall-ghajnuna. Fid-dawl ta' dan ir-rapport il-pulizija marret il-Health Centre fejn hemmhekk sabet lil dan Mifsud li kien qed jigi ezaminat minn Dr. Mark Leonard Grech, li ccertifika li l-pazjent qed isofri minn Lacero Contused Wound fuq il-palmi ta' jdejh, u ghalhekk kellu jaghmillu xi suturi.

Minn investigazzjoniiet preliminari mizmma mill-pulizija, rrizulta li fil-hin tal-incident John Mifsud kien diehel fil-front garden t'ommu meta f'daqqa wahda Manuel Spiteri, li gharaf prezenti fl-awla, bil-vettura tieghu numu ta' rgistrazzjoni CAQ 079 tal-ghamla Ford Escort, baqa' diehel b'certu sahha fil-kancell tal-hadid.

Jghid li bhala rizultat ta' dan l-incident il-kancell spicca zlogat minn postu u mitfugh mal-art. Manuel imbaghad nizel mill-vettura u beda jghajjat u jhedded lil Mifsud bil-kliem "Inpattihielek, Inpattihielek", waqt li xejjer sikkina tal-laham fid-direzzjoni ta' Mifsud - lejn wiccu w sidru. Jelabora billi jghid li Mifsud ittanta hafna jevita d-daqqiet tas-sikkina billi jghatti wiccu b'idu, pero' fil-fatt ghalkemm ma ntlaqatx f'wiccu huwa ntlaqat fil-pali t'idu t-tnejn.

Dak il-hin Giovanni Spiteri assocja ruhu ma' huh, u hu wkoll kellu sikkina f'idejh u beda jxejjer biha fid-direzzjoni ta' Mifsud. Irrizultalu ukoll minn dak li qal il-vittma, li l-ahwa Spiteri waqfu milli jkomplu jsawtuh meta ntervjena missierhom Lawrence u gibidhom lura. Qal ukoll li Giovanni beda jhedded bil-kliem "u din ma waqfitx hawn, lilek noqtlok u nhallik f'ghadira demm". Fil-fatt jghid li skond Mifsud din ma kinitx l-ewwel darba li Giovanni heddu bil-mewt.

Huwa ghalhekk arresta lil Manuel Spiteri u dan irrilaxxja stqarrija fil-presenza ta' WPS 156 Sonia Parascandolo. F'din l-istqarrija Manuel Spiteri kkonferma li l-vittma Mifsud huwa l-kugin tieghu, u li dan kien ipprokura d-droga lil huh il-mejjet David u hallih imut b'overdose f'kamra vicin ir-residenza taghhom fuq Verdala. Qal li huwa ra lil Mifusd gej fuq xarabank u jmur ipoggi hdejn l-gharusa tieghu Sarah, u meta rat hekk din Sarah qamet minn postha w dan Mifsud qam minn fejn kien u mar hdejha. Jghid li meta l-gharusa tieghu waslet fejn kella tasal hija nizlet minn fuq ix-xarabank, u huwa nizel warajha. Meta ra lil Mifsud diehel go daru mar jigri fid-dar t'ommu, gabar hadida w mar warajh. Mistoqsi jekk laqtux jew kemm il-darba laqtu Spiteri jghid li ma jafx minhabba li dak il-hin kien mitluf minn sensiegh u jaf biss li tah diversi daqqiet u li ferieh.

Pero' cahad li hebb ghal Mifsud b'sikkina, w meta gie mistoqsi dwar il-hsarat li garrbet il-grada tal-hadid huwa qallu li kien taha daqqiet bis-sieq u li sussegwentement zlugaha minn postha. Huwa cahad ukoll li saq fuq il-fond in kwistjoni bil-vettura tieghu, ghalkemm ammetta li kien qed isuq waqt li ma kellux polza tal-assigurazzjoni. Aktar tard pero' fl-istess stqarrija jammetti li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort, u qal li dan ghamlu ghaliex kien ghadu ghandu qalbu maqsuma minhabba l-mewt ta' huh David.

Giovanni Spiteri wkoll gie arrestat u wkoll irrilaxxja stqarrija fil-presenza ta' WPS 156 Sonia Parascandolo. Qal li huwa kien minn dejjem bit-tikketta ma' kuginuh

Johann Mifsud u lil ommu kien jghidilha li dan kien bniedem ta' ntern hazin u falz, u wara l-mewt ta' huh kien beda joboghdu aktar, ghaliex lilhom ferihom bil-mewt ta' huh. Jghid li fil-fatt l-ewwel darba li kien iltaqa' mieghu wara l-mewt ta' huh kien hdejn id-Detox u dan beda jghajjru w jinsulentah. Huwa cahad li kemm hu kif ukoll huh Manuel tawh xi daqqiet b'sikkina, izda meta waslu hdejh dan Mifsud diga' kellu d-dmija ma' jdejh. Cahad li hu w huh kellhom xi strument bil-ponta u li jaqta' f'idejhom. Ghalkemm jghid li meta wasal fuq il-post huh Manuel kien diga' qed jiggieled ma' Mifsud.
Huwa esebixa l-istqarrijiet tal-imputati li gew immarkati bhala Dok AC w AC1.

Fl-ghaxra (10) t'April 2006 xehed il-vittma **Johann Mifsud** (fol. 56) u kkonferma li huwa l-kugin tal-imputati w qal li dakinhar li kien sejjer lura d-dar fuq xarabank, u bla skop ta' xejn pogga hdejn it-tfajla tal-kugin tieghu. Jghid pero' li meta wasal nizel minn fuq ix-xarabank u baqa' ghaddej. Jispjega mbaghad li meta kien diehel ghand ommu w fetah il-kancell ra lil kuginuh u dan beda jghidlu li ser ipattihielu minhabba dak li kien gara, ghaliex huh kien miet b'overdose. Qal li f'hin minnhom sema karozza gejja bir-reverse u baqghet diehla fil-parapett t'ommu. Jghid li din il-persuna kienet l-imputat Mamuel u li in segwitu' dan nizel mill-vettura u beda jaghti bis-sikkina. Qal li kien qed isuq vettura Escort. Huwa beda jilqa' id-daqqiet. Fil-pront wasal hu Manuel, il-ko-akkuzat Giovanni, w beda jxejjer ukoll bis-sikkina izda ma laqtux. Sussegwentement gew missierhom w ommhom u gibduhom lura.

Ikkonferma li kien ra sikkina f'idejn l-imputati w spjega li din kienet wahda normali bil-manku u bix-xafra. Qal li bhala rizultat huwa sofra diversi feriti fil-pali ta' jdejh it-tnejn. Qal li Manuel ried jitlaq izda Giovanni nsista li jkompli jaghti, waqt li Manuel beda jghid "issa bizzejjed". Missierhom irnexxielu jwaqqafhom u huwa beda jghajjat ghall-ghajjut sabiex iwasluh il-clinic. Jghid li jdejh ghadhom imtarrxin sa llum, u meta rega' mar l-Isptar regghu fethulu l-feriti li kellu mill-gdid. Mistoqsi jekk qattx gie mhedded, jghid li iva kemm-il darba mill-imputat Giovanni u minn certu Patrick li kunjomu ma jafux.

Hedduh li ser ipattuhielu, jaghtuh daqqa ta’ sikkina, jisparawlu w li joqtluh. Qal li sahansitra anke rapporti l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun kien ghamel. Qal li dakinhar kien hemm hafna storbju w mistoqsi kemm kienu l-ispejjez tal-hsara li sofriet ommu fil-kancell jghid li ma jafx. Mistoqsi kif saq Manuel dakihar jghid li saq bir-reverse u baqa’ diehel fil-grada.

Fl-istess jum **PS 1328 Jesmond Borg** xehed u kkonferma li nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Marzu 2006 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar (3.30 p.m.) kienet marret taghmel rapport l-ghassa certu Paula Elizabeth Farrugia fejn irrapurtat li kienet ghadha kemm hadet persuna l-policlinic, ghaliex kienet feruta. Qalet li Johann Mifsud gie mdewwi mit-tabib ghall-habta tat-3.30p.m. Qal li r-rapport kien fis-sens li meta Johann Mifsud mar jara lil ommu li tghix fuq Verdala, w habbat il-bieb taghha marru l-kuginu tieghu Giovanni u Manuel Spiteri, w bdew ituh b’sikkina. Irraportat ukoll li wiehed minnhom kien irriversja bil-vettura ghal fuq il-grada t’omm Johann. L-aggressuri bdew jhedduh li ser joqtluh u wara ftit mar missierhom u waqqafhom. Huwa esebixxa kopja tal-okkorenza relattiva li giet immarkata bhala Dok PS (Fol.61).

**PS 964 Robert Scicluna** xehed u kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa ‘l allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro, dwar *stabbing* li sar fuq il-persuna ta’ Johann Mifsud nhar it-28 ta’ Maru 2006, u esebixxa r-relazzjoni tieghu flimkien ma’ numru ta’ ritratti mehuda minnu dakinhar tal-access mizmum minnu.

**PC 1261 Charles Pace** xehed u kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa ‘l allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro dwar *stabbing* li sar fuq il-persuna ta’ Johann Mifsud nhar it-28 ta’ Maru 2006, u huwa wkoll esebixxa r-relazzjoni redatta minnu fil-kapacita’ tieghu ta’ Scene of the Crime Officer.

**Paula Elizabeth Farrugia** xehdet u spjegat li nhar it-28 ta’ Marzu 2006 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta’ wara nofsinhar (3.45 p.m.) kien mar fuqha certu Johann Mifsud u talabha sabiex takkumpanjah lejn il-policlinic ghaliex

kien mimli demm u kellu diversi griehi f'idejh. Hija ghalhekk akkompanjatu l-klinika u sussegwentement marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla, w irraportat li kienet akkompanjat lil dan Mifusd sal-klinika.

**Doctor Maro Scerri** xehed (fol. 90) u kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa 'l allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro dwar *stabbing* li sar fuq il-persuna ta' Johann Mifsud nhar it-28 ta' Marzu 2006, u huwa esebixxa r-relazzjoni redatta minnu fil-kapacita' tieghu ta' tabib forensiku. Ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dok MS. Huwa kkonkluda li l-feriti li kellu Johann Mifsud fuq il-pala t'idu kienu maghmula minn sturment li jaqta' w bil-ponta. Dawn ma hallewx effett permanenti, izda hallew cikatrici permanenti u ghalhekk ghandhom jigu klassifikati bhala ta' natura gravi.

**WPS 156 Sonia Parascandolo** xehdet nhar l-24 ta' April 2006 u kkonfermat iz-zewg stqarrijiet esebiti mill-imputati mmarkati bhala Dok AC u AC1 u kkonfermat ukoll li dawn gew rilaxxjati minnhom wara li gew moghtija id-debita twissija skond il-ligi. Gharfet il-firma taghha kif ukoll dik tal-ispettur Anthony Cassar u ta' PS 1328 Jesmond Borg.

**Il-Perit Richard Aquilina** xehed nhar l-14 ta' Gunju 206 u kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa 'l allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro dwar *stabbing* li sar fuq il-persuna ta' Johann Mifsud nhar it-28 ta' Marzu 2006, u huwa esebixxa ir-relazzjoni tieghu maghmula fil-kapacita' tieghu ta' Perit tekniku, li giet immarkata bhala Dok RA (fol. 118).

**Doris Mifsud** xehdet nhar l-erbatax (14) ta' Gunju 2006 (fol. 124) u kkonfermat li hija tigi omm il-vittma Johann Mifsud. Qalet li hija tinsab taht il-kura psikjatrika ta' Dr. David Cassar, u dakinhar tal-incident kienet ghall-kura ghandu w ghalhekk ma rat l-ebda incident isehh. Taf pero' li meta rritornat lura d-dar sabet il-grada tal-bieb ta' barra mimduda mal-art imqaccta minn postha, w kien hemm ukoll xi dmija mal-art u bicca *mica* tal-karozza mal-art. B'*mica* riedet tfisser partijiet mill-*indicator* jew dwal

tal-karozza. Qalet li l-grada swietha tmienja w tletin Lira (Lm38) biex tissewwa. Qalet ukoll li minn dakinhar tal-incident in kwisjtoni ‘l quddiem ma nqala’ l-ebda ncident iehor.

**Spettur Mario Tonna** xehed nhar l-14 ta’ Gunju 2006 u kkonferma s-sentenza esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. GS, bhala dik is-sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat odjern Giovanni Spiteri. Mieghu ufficcjal prosekutur kien hemm ukoll l-Ispettur Magro.

**Spettur Anthony Cassar** esebixxa sentenza li giet moghtija nhar it-22 ta’ Frar 2001 fil-konfront tal-imputat Giovanni Spiteri meta is-Supretendent Neil Harrison kien ghadu Spettur. Dan id-dokument gie markat bhala Dok Z.

**WPC123 Janet Cicala** xehed u qalet li hija ghamlet tfittxija biex tara jekk kienx hemm xi rapporti li ghamel Johann Mifsud dwar xi argument li seta’ kellu mal-imputati. Ir-ricerka taghha marret lura sas-sena 1997 u minn dik id-data sa dakinhar li xehdet hija sabet erba’ rapporti, pero’ li m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-ahwa Spiteri. Qalet ukoll li hija ghamlet ricerka sabiex tara jekk l-imputati kellhomx xi licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorru strument bil-ponta, w tghid li r-rizultat kien wiehed negattiv ghaliex m’ghandhom l-ebda licenzja ghal dan il-ghan.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu il-prosekuzzjoni esebiet erba’ sentenzi kriminali li gew immarkati bhala Dok SB1, SB2, SB3 u SB4.

**‘L allura Spettur Silvio Valletta** xehed nhar it-18 ta’ Settembru 2006 u kkonferma s-sentenza esebita fl-atti u markata bhala Dok SV 1, bhala dik is-sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat odjern u cioe’ Giovanni Spiteri, ghalkemm isem l-imputat jidher bhala John. Qal li f’dik is-sentenza huwa kien l-ufficcjal prosekutur u investigattiv ukoll.

**Supretendent Neil Harrison** xehed nhar l-4 ta’ Dicembru 2006 u kkonferma s-sentenzi esebiti fl-atti u mmarkati

bhala Dok SV2 u SV3, bhala dawk is-sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat odjern Giovanni Spiteri. Qal li f'dawk is-sentenzi huwa kien l-ufficcjal prosekutur u investigattiv ukoll.

**Christopher Darmanin** xehed nhar il-5 ta' Jannar 2007, u dan bhala rapprezentant tal-ufficcju tal-licenjzi. Ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni CAQ 079 ta' kulur abjad, hija registrata f'isem Joseph Busuttil ta' Flat 5, Triq Xemxi, Blokk O, Marsa, w ilha hekk registrata fuqu sa minn Jannar 2004. Jghid ukoll li l-imputat Manuel Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' numru 104688 (M) m'ghandux licenzja tas-sewqan vigenti, u dan ghaliex huwa kien gie skwalifikat fid-9 ta' Frar 2005 ghall-perijodu ta' sentejn milli jzomm il-licenzja tas-sewqan tieghu, u dan skond sentenza tal-Qorti ta' nhar id-9 ta' Frar 2005.

**Christopher Farrugia** xehed nhar l-14 ta' Frar 2007 u kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa 'l allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro dwar *stabbing* li sar fuq il-persuna ta' Johann Mifsud nhar it-28 ta' Marzu 2006, u dan fil-kapacita' tieghu ta' espert forensiku. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok CS (a fol. 187 et).

**Charles Sciberras**, il-konsulent fl-Ortopedija, xehed nhar is-17 ta' Settembru 2007, u dan wara li kien gie nominat minn din il-Qorti kif preseduta sabiex jezamina lil Johann Mifsud u jiddeskrivi l-feriti tieghu. Jghid li huwa ezaminah nhar it-30 ta' Awwissu 2007, u dan kien qallu li kien gie attakkat minn kuginuh b'sikkina. Spjegalu li kien mar il-Policlinic sabiex jiddewwa, izda xi jiem wara zviluppat xi nfezzjoni f'idejh. Ghamel xi tlett xhur ma jahdimx. Qal li ic-cikatrici kienu mfejqa tajjeb u ma kienx hemm problem ta' xejn u la kellu nervituri w lanqas tendons li gew milquta. Bhala feriti m'ghandu xejn vizibbli, u ma ghandu l-ebda mankament fil-parti tal-gisem tieghu jew funzjoni tieghu. Huwa esebxxa c-certifikat tieghu a fol. 220.

Illi nhar l-14 t'April 2008 huwa rega' ezamina lil Johann Mifsud, u dan qabel ma xehed fil-Qorti, w jghid li in effetti

huwa ghandu *scars* fuq idejh u dawk ser jibqghu hemm. Ghalkemm zied li m'ghandom ebda effett iehor.

**Vicky Scicluna** xehdet nhar is-26 ta' Novembru, 2009 bhala rapprezentanta tas-Sedqa w qalet li hija ilha tiehu hsieb lil Giovanni Spiteri ghal zmien twil. Qalet li in effetti kien ilu ghal dawn l-ahhar sentejn qabet ma xehdet *clean* u ma jmissx droga, u li jinsab taht il-kura ta' Dr. George Grech, u li fil-fatt il-methadone li qed jiehu huwa stable. Spjegat li Dr. Grech huwa kuntent hafna bil-progress tieghu, qed jahdem b'mod fiss u ghandu sahansitra ktieb tax-xghol, u jahdem ma' tal-laham. Ghandu zewgt itfal zghar u jghix maghhom kif ukoll mal-partner tieghu. Huwa pero m'ghandux probation officer isegwih.

**Dr. George Grech** jghid li jaf lill-imputat Giovanni Spiteri professjonalment u dan ghaliex huwa pazjent tieghu peres li kellu problema ta' dipendenza ta' droga. Qal pero' li tul dawn l-ahhar sentejn ghamel progress sostanzjali u qed jiehu l-methadone. Jaf li rabba familja u qed jahdem b'mod regolari. Qal li fil-fatt gieli kellu *relapses,* ghakemm ftit, u meta gara hekk dejjem mar ghall-ghajnuna. Imur b'mod regolari ghall-apuntamenti tieghu.
L-imputati ma xehdux ghalkemm irrilaxxjaw stqarrija.

**Manuel Spiteri** jammetti li kien qabad hadida bil-ponta u beda ighati lil kuginuh Johann Mifsud huwa hu diehel ghand ommu. Qal li ma jafx kemm tah u fejn tah ghax kien mitluf. Spjega li Mifsud kien ipprokura d-droga lil huh ftit ta' zmien qabel, u li huh kien miet bhala rizultat ta' din id-droga. Cahad pero' li tah b'xi sikkina. Qal ukoll li ta xi daqqiet ta' sieq fuq il-grada t'omm Johann u din inqlghet minn postha bid-daqqiet. Jammetti li mieghu kien hemm huh Giovanni pero' ma rahx jaghti. Jghid li lanqas huh ma kellu xi sikkina f'idejh. Aktar tard pero' jghid li huwa kien qed isuq vettura Escort li mhix tieghu u li polza tal-assigurazjoni ma kellux. Jammetti wkoll li in effetii ta daqqiet fuq il-grada bil-vettura li kien riekeb. Mistoqsi ghaliex saq ghal fuq il-kugin tieghu jghid li kellu qalbu mugugha minhabba l-mewt ta' huh, u meta rah diehel ghand ommu ma felahx ghax gab lil huh quddiem ghajnejh.

**Giovanni Spiteri** jghid li jaf lil Johann Mifsud peress li jigi kuginuh, ommijiethom ahwa. Jghid li f'Settembru 2005 dan kien amministra d-droga lil huh David u dan spicca miet b'overdose. Qal li huwa minn dejjem kien bit-tikketta ma' dan Johann u li dan kien jghajjar lil huh David quddiem shabu li huwa mentali. Ghalhekk wara l-mewt ta' huh David beda joboghodu aktar. Qal li ghalih Johann tradihom u ma jahfirlu qatt. Jghid li dakinhar tal-incident in kwistjoni ra l-grada tad-dar t'omm Johann mal-art u sema' lil huh Manuel jghajjru, u li huwa beda jheddu bil-kliem "din ma tieqafx hawn". Cahad li xi wiehed minnhom tah bis-sikkina. Cahad ukoll li huwa qatt rikeb f'xi vettura Escort dakinhar tal-incident.

Illi din il-versjoni tal-fatti kif moghtija minnhom a tempo vergine tal-investigazzjoni qatt ma giet kontestata minnhom, u ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata bil-kwadru ta' kif verament sehh l-incident mill-imputati stess. Vera li l-imputati u l-prosekuzzjoni ma jaqblux fuq kollox, jew ahjar fuq kull punt, izda in sustanza hemm qbil.

Rat ukoll il-verbal datat 10 ta' April 2006 fejn il-prosekuzzjoni esebiet il-vettura Ford Escort Mk 1 bin-numru ta rgistrazzjoni CAQ 079 u din giet markata bhala Dok AC2.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq ix-xhieda tal-allegat vittma Johann Mifsud u l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputati *a tempo vergine* tal-investigazzjoni meta irrilaxxjaw l-istqarrija taghhom. M'hemmx dubbju li kienu l-imputati li hebbew ghal Johann Mifsud dak in-nhar tat-28 ta' Marzu 2006 meta huwa kien sejjer jara lil ommu. Il-motiv ta' dan l-incidnet kien wiehed li l-ahwa Spiteri kienu jinsabu dispjacuti b'dak li gara lil huhom David, u cioe' li miet bid-droga li giet prokurata lilu mill-istess vittma kuginuhom Johann Mifsud.

L-ahwa Spiteri jghidu li huma ma wzawx sikkina, ghalkemm Manuel jghid li gabar hadida minn mal-art tal-

garaxx, liema hadida kienet bil-ponta, w beda jaghti biha. Mistoqsi kemm-il darba ta, jghid li ma jafx ghaliex kien mitluf. Jaf pero' li kien hu li laqtu diversi drabi. Ammetta wkoll li bir-rabja li kellu rikeb f'karozza tal-habib tieghu u saq ghal fuq il-grada t'omm Johann u kkaguna diversi hsarat f'din il-grada. Jghid ukoll li ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta' w lanqas ma kellu licenzja tas-sewqan vigenti. Giovanni jichad li qatt rikeb il-karozza u jghid li verament hebb ghal Johann pero beda jtih b'idejh. Qal ukoll li vera heddu u kellmu hazin. Skond ix-xhieda ta' Mr Charles Sciberras, li mhix kontestata, l-feriti li sofra Johann huma ta' natura gravi, u dan ghaliex jikkonsistu f'cikatrici vizibbli fil-palmi t'idu.

Min-naha l-ohra pero' l-prosekuzzjoni qed tallega li Johann gie milqut b'sikkina miz-zewg imputati. Johann jikkonferma li ra skieken f'idejn l-imputati u l-feriti li ssubixxa huma kompatibbli ma' daqqiet ta' sikkina, w ghalhekk il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-prosekuzzjoni hija aktar verosimili.

Il-prosekuzzjoni allegat ukoll li l-ahwa Spiteri zammew lil Johann Mifsud sekwestrat. Minn imkien ma jirrizulta li dan huwa minnu, u cioe' li ma setax jahrab l-aggressjoni li kellu. L-incident sar fil-miftuh, tant u hekk li meta ghajjat ghall-ghajnuna kien hemm wahda mara li semghatu u akkompanjatu hi stess lejn il-klinika sabiex jiddewwa.

Illi ghalhekk dwar l-akkuzi jinghad bla tlaqliq li jirrizulta li kienu l-imputati li kkagunaw dawn il-feriti ta' natura gravi, u dan ghaliex l-imputati qatt ma cHDU dak li gie allegat fil-konfront taghhom mill-vittma f'dan ir-rigward, u ghalhekk ghandhom jinzammu responsabbli ghad-danni sofferti minn Johann Mifsud.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe' ta' sekwestru llegali, l-Qorti ma thossx li ghandha tikkumenta ulterjorment, peress li fil-fehma taghha din ma gietx provata.

Dwar it-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt akkuza, dawn jirrizultaw provati b'mod sodisfacenti. Manuel Spiteri

ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghas-seba', tmien, ghaxar u hdax-il akkuza, izda mhux tad-disa' akkuza.

Dwar Govanni Spiteri dan ghandu jitqies li huwa recidiv stante li d-diversi sentenzi li gew esebiti il-Qorti mill-prosekuzzjoni lkoll gew konfermati fil-konfront tieghu minn diversi ufficcjali tal-pulizija, fosthom is-Supretendent Silvio Valletta u l-Assistent Kummissarju Neil Harrison.

**Dwar il-piena**, l-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u cioe' li dan l-incident sehh ftit wara li miet hu l-imputati b'*overdose* li ALLEGATAMENT giet moghtija lilu mill-vittma tal-kaz odjern. Jirrizulta wkoll li l-vittma jigi l-kugin tal-imputati u li kien ghamel zmien jghix maghhom ukoll, u ghalhekk is-soghba taghhom ghat-telfa ta' huhom f'dawn ic-cirkostanzi hija wahda reali.

Rat ukoll dak li qalu Vicky Scicluna u Doctor George Grech fir-rigward ta' Giovanni Spiteri, w cioe' li llum dan ghandu impjieg fiss, ghandu familja w qed jikkopera hafna sabiex jindirizza l-problema li kellu dwar it-tehid ta' droga.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna, w f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputati sabiex jirrintegraw ruhhom tajjeb fis-socjeta', li wara kollox huwa wkoll jaghmlu parti minnha, u dan ghaliex temmen li l-isforz taghhom huwa wiehed genwin.

Mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax ma tqisx il-kondotta reflettarja taghhom, u ghalhekk il-Qorti trid tikkreja bilanc sabiex issir gustizzja kemm mal-imputati kif ukoll mas-

socjeta'. Ghalhekk thoss li sabiex l-imputati jinzammu 'l boghod mill-hajja kriminali, hemm bzonn li jigi appuntat Probation Officer ghall-perijodu massimu permess mil-ligi, sabiex jissorveljahom u jzommhom 'il boghod minn din il-hajja ta' kriminalita', w b'hekk il-Qorti tkun qieghda tahdem fuq dak li qed jaghmel l-istess Doctor George Grech ma' Giovanni Spiteri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti** rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 86, 87 (1) (c ), 214, 216, 217, 249 (2) (3), 339 (1) (e) , 325 (1) ( c) , 338 ( r), 338 (bb), 338 (cc), 338 (dd), 339 (gg), 339 (1) (d), 383, 384, 386, 412 C, 412 D u 533 tal-Kap. 9, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 u l-Artikoli 15, 54, 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 127 tal-Avviz Legali 129 tal-1994 (L.S. 65.11), u l-Artikoli 13, 26, 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif illum emendati, w tiddikjara li **qed issib lill-imputati GIOVANNI u MANUEL ahwa SPITERI t-tnejn hatja tal-ewwel, it-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt akkuza, filwaqt li issib lil Manuel Spiteri wahdu hati tas-seba', t-tmien, l-ghaxar u l-hdax-il akkuza w lil Giovanni Spiteri talli huwa recidiv. Tiddeciedi li tpoggihom taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tliet snin millum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, skond l-ordnijiet hawn annessi. Ma ssibx liz-zewg imputati hatja tat-tieni akkuza w lil Manuel Spiteri hati tad-disa' akkuza, w tilliberahom minnhom.**

**Oltre dan tiskwalifika lill-imputat Manuel Spiteri mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' sentejn snin millum, ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tordna lil Manuel Spiteri jhallas ukoll multa ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) dwar is-sejba ta' htija tieghu li saq il-vettura waqt li ma kinitx koperta bil-polza tas-sigurta', u dan ghaliex saqha meta l-licenzja tieghu kienet gja skwalifikata, u dan qabel ma dahlu l-emmendi fiz-zieda tal-multi bl-Avviz Legali 409/07.**

**Tordna wkoll li z-zewg imputati *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu fi zmien sena millum l-ispejjez kollha**

**konnessi mal-inkjesta u cioe' l-ammont ta' hamsa w erbghin Lira Maltin (Lm45) bhala spejjez inkorsi mis-Scene of the Crime Photographer PS 964 Robert Scicluna, ghoxrin Lira (Lm20) spejjez tas-Scene of the Crime Officer PS1261 Charles Pace, erbgha w sittin Lira u hamsin centezmu (Lm64.50) bhala spejjez u drittijiet dovuti lil Dr. Mario Scerri bhala Specjalista fil-Medicina Forensika, id-drittijiet tal-perit tekniku AIC Richard Aquilina fl-ammont ta' sitta w hamsin Lira u disgha w ghoxrin centezmu (Lm56.29), hames mija w sebgha u disghin Lira (Lm597) bhala spejjez inkorsi minn Christopher Farrugia bhala Espert Forensiku u mija w ghoxrin Lira (Lm120) li huma d-drittijiet dovuti lil Mr. Charles Sciberras bhala espert fl-Ortopedija, b'kollox fl-ammont ta' disa' mija u zewg Liri Maltin u disgha w sebghin centezmu (Lm902.79) ekwivalenti ghal elfejn mija w zewg Ewro u erbgha w disghin centezmu (€2102.94), u dan fi zmien sena millum.**

**Tordna Ordni ta Protezzjoni fil-konfront ta' Johann Mifsud, b'dan li l-imputati m'ghandhom ikellmuh ghall-ebda raguni, ghall-perijodu ta' sena millum u dan taht penali ta' elf Euro (€1000) fin-nuqqas.**

Illi peress li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-vettura li giet esebita tappartjeni lil wiehed mill-imputati, din il-Qorti mhix ser tordna konfiska dwarha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------